MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 74/2009

Victoria mart Mario Tabone ghan-nom u in rapprezentanza tal-imsefrin Frank Axiak u Dora Kusela

Vs

Alphonse Calleja

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-8 ta' Ottubru 2009, l-atturi nomine talbu:-

1. Il-qasma tal-fond komuni numru tlieta u tmenin (83), Triq ta' Gokk, Xewkija, Ghawdex u li f'kaz li l-fond m'huwiex kommodament divizibbli tordna l-bejgh b'licitazzjoni, b'dan li ghandhom isiru offerti mill-barranin, u li r-rikavat jinqasam f'sehem ugwali bejn il-kontendenti.
2. Li l-mobbli li hemm fil-fond u li huma komuni, jinqasmu bejn il-partijiet, u li kull parti tiehu l-mobbli personali taghha.

Permezz ta' risposta guramentata prezentata fid-29 ta' Ottubru 2009, il-konvenut iddikjara li:-

1. Il-fond m'huwiex kommodament divizibbli u ghandu jinbiegh b'licitazzjoni[1]. Talab pero' li jigi kumpensat ghall-ispejjez li ghamel fil-fond u hlasijiet ta' kontijiet ta' dawl u ilma wara l-mewt ta' Mary Axiak.
2. Hemm qbil dwar it-talbiet relatati mal-mobbli.

B'kuntratt li sar fil-21 ta' Awwissu 2003 fl-atti tan-nutar Dr Michael Refalo, il-konvenut flimkien ma' Joseph u Mary konjugi Axiaq kienu xtraw nofs indiviz kull wiehed mill-fond numru 83, Triq ta' Gokk, Xewkija, Ghawdex.

Jigi rilevat li:-

1. Fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2009 il-partijiet iddikjaraw li *"..... qeghdin jaqblu li l-fond 83, Ta' Gokk, Xewkija ghandu **jinbiegh b'licitazzjoni u ghall-fini ta' stima jaqblu li din tkun ta' €233,000** sabiex b'hekk jevitaw milli jigi nkarigat perit tekniku u jsiru spejjez bla bzonn. Il-partijiet jaqblu wkoll li l-bejgh ikun miftuh ghall-pubbliku."* (fol. 27).
2. Fir-rigward tal-mobbli, bl-intervent tal-perit tekniku Vincent Ciliberti, waslu ghal ftehim u llum il-meritu hu ezawrit.
3. Fl-1 ta' Dicembru 2009 il-konvenutipprezenta nota guramentata dwar spejjez li ghamel fil-fond in kwistjoni (fol. 29), flimkien ma' zewg affidavits. Wara li l-qorti rat id-dokumenti ser tordna, fuq bazi ta' *arbitrio boni viri* mehud in konsiderazzjoni l-ispjegazzjonijiet li nghataw, li minn sehem l-atturi nomine mir-rikavat tal-bejgh tithallas lill-konvenut is-somma ta' disgha mitt ewro (€900).

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda:-**

**1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-fond 83, Triq ta' Gokk, Xewkija, Ghawdex jappartjeni nofsu lill-atturi nomine u n-nofs l-iehor lill-konvenut.**

---

[1] Permezz ta' nota prezentata fid-19 ta' Novembru 2009 l-atturi nomine kkonfermaw li l-fond m'huwiex kommodament divizibbli.

**2. Tichad it-tieni u tielet talba u tiddikjara li l-fond numru 83, Triq Ta' Gokk, Xewkija, Ghawdex m'huwiex kommodament divizibbli.**

**3. Tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-fond fuq imsemmi. Kif ftehemu l-partijiet il-valutazzjoni tal-fond hi ta' mitejn u tlieta u tletin elf ewro (€233,000).**

**4. Tordna li l-bejgh isir fis-7 ta' Lulju fl-10.00 a.m. fil-bini tal-Qorti, Pjazza Katidral, Victoria, Ghawdex.**

**5. Tordna li r-rikavat jinqasam bejn l-atturi nomine u l-konvenut f'sehem ugwali bejn il-partijiet, b'dan li mir-rikavat li hu dovut lill-atturi nomine ghandu jithallas lill-konvenut is-somma ta' disgha mitt ewro (€900) kif spjegat hawn fuq.**

**6. Tordna li l-bejgh ikun miftuh ghall-offerti mill-barranin.**

**7. Peress li l-hames (5) talba hi ezawrita, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.**

**Spejjez, inkluzi dawk tal-bejgh b'licitazzjoni, jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------